MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Numru. 191/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**ALEXIA CROSS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alexia Cross, ta' 27 sena, bint James u Josephine nee' Mangion, imwielda San Giljan, nhar l-14 ta' Gunju, 1979, u residenti fil-fond imsejjah Nocklong, Flat 1, Vjal il-Labour, Naxxar, detentrici tal-karta tal-identita' numru 316279(M);

1. Akkuzata talli bejn is-sena 2003 u s-sena 2006, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ aktar minn elf lira maltin (Lm1,000.00), ghad-dannu ta’ Joseph Micallef ai termini tal-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, xjentement ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai termini tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U kif ukoll talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi approprijat ruhha billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunnsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta’ Joseph MIcallef, ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputata f’dan l-istadju ta’ dawn il-proceduri, wara li nghatat zmien xieraq skond il-Ligi biex tikkonsidra din l-ammissjoni taghha;
Wara li rat l- Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l- Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija imputata Alexia Cross hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieha, u ghaldaqstant tordna li titqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti tordna wkoll lill-imsemmija imputata sabiex thallas is-somma ta’ Lm1,400.00 (elf u

erba' mitt lira maltin) bhala danni sofferti minn Joseph Micallef ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------